# Żewġ Bambini ta' Ġesù Salvatur



**_minn_**
**_Mario Fenech_**



Il-Knisja Arċipretali ta' Santa Katerina fiż-Żejtun hija mogħnija b'ħafna opri sagri sbieħ li jintużaw għall-armar tal-Knisja f'numru ta' festi li jsiru matul is-sena.

Waqt il-jiem tal-festa tat-twelid ta' Ġesù Bambin jintużaw żewġ Bambini li juru t-twelid tas-Santissmu Salvatur. Dawn huma xogħol imnaqqax fl-injam, mill-iskultur Żejtuni Xandru Farrugia. Mastru Xand kien magħruf sew għax-xogħlijiet sbieħ li kien joħloq mill-injam għall-knejjes.

Fost dawn wieħed isemmi l-istatwi tal-Madonna tar-Rużarju għall-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija f'Ħal Għaxaq, l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni għall-Kolleġġjata ta' San Lawrenz fil-Birgu, u l-istatwa Titulari ta' San Pawl għall-Parroċċa ta' Ħal Safi. Ħadem ukoll diversi settijiet ta' gandlieri u Appostli tal-injam li jintramaw fuq l-altari matul il-jiem tal-festa. Fost dawn hemm sett ta' tmintax -il gandlier li jintramaw fil-Knisja ta' Santa Tereża f'Bormla.



Għall-Knisja ta' Santa Katarina taż-Żejtun ħadem żewġ Bambini li juruna lill-Ġesù Bambin Salvatur. Wieħed minn dawn il-Bambini qiegħed mimdud b'idu l-leminija sserraħ fuq imħadda ta' drapp fin aħmar mżejna b'lenza tad-deheb, filwaqt li qiegħed iżomm f'idu salib żgħir indurat.

Il-fisqija tiegħu għandha xogħol ta' induratura u sgraffjata. Din ix-xbieha ta' Ġesù Salvatur qiegħda f'niċċa żgħira tal-ħġieġ b'gwarniċa tal-fidda fuq l-altar tal-Fratellanza tar-Rużarju. Kif tixhed il-kitba li hemm fil-paviment ta' quddiem l-altar dan il-Bambin kien ġie mogħti lill-Fratellanza minn ċertu Ġwanni Farrugia fis-sena 1895. Dan il-Bambin waqt il-funzjoni tal-lejl tal-Milied jittieħed proċessjonalment fuq l-altar Maġġur tal-Knisja fejn jitqiegħed matul il-jiem tal-festi.

Minfloku fuq l-altar tar-Rużarju jitqiegħed Bambin ieħor li wkoll huwa xogħol tal-iskultur Xandru Farrugia. Il-Bambin qiegħed bilwieqfa b'id il-leminija merfugħa 'l fuq qiegħed juri t-tliett persuni f'Alla wieħed. B'idu x-xellugija qiegħed iżomm Salib żgħir fuq dinja mserrħa fuq sħaba bajdanija. Dan il-Bambin kien ġie rregalat lill-Knisja dixxententa tal-iskultura stess, ċerta Tessie Depasquale fis-sena 1995.

Meta jitneħħa l-Bambin il-mimdud biex jittieħed fuq l-altar maġġur fil-jiem tal-Milied, dan il-Bambin jitpoġġa minfloku fuq l-altar tar-Rużarju sal-festa tal-Epifanija. Għalhekk dan il-Bambin Salvatur jissejjaħ il-Bambin tal-Epifanija.

Dawn iż-żewġ Bambini li juru lill-Ġesù Salvatur huma xogħlijiet tassew interessanti mhux biss għaliex huma xogħol ta' skultur magħruf bħalma huwa Mastru Xandru Farrugia, iżda għaliex għadhom jintużaw waqt il-festi li jsiru f'din il-Knisja Arċipretali ta' Santa Katarina fiż-Żejtun magħrufa sew għall-opri sagri sbieħ li fiha.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.